MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 266/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**John Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Farrugia talli (flimkien ma' Joseph Aquilina):

1) nhar is-Sibt u cioe` it-13 ta' Novembru 1999, xi hin bejn it-8.00 a.m. u d-9.00 a.m., gewwa Omega Court, Flat nru. 12, Triq Ananija, Qawra, proprjeta` ta' Mario Coleiro, ikkommetta serq ta' ammont ta' flus u diversi affarijiet ohra, u liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok;

2) hekk kif indikat fl-ewwel akkuza, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mario Coleiro, anzjan ta' 64 sena, b'arma tan-nar kontra l-volonta` tieghu;

4) (Joseph Aquilina wahdu f'xi gurnata matul ix-xahar ta' Novembru 1999 jew qabel, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe` karta ta' l-identita` f'isem Mark Lawrence Rizzo, illi meta tigi pprezentata wiehed jista' jircievi biha hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn uficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor jew imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u xjentement b'diversi atti maghmulin minnu stess znki jekk fiz-zminijietdifferenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn it-13 ta' Novembru 1999 u t-28 ta' Novembru 1999, ghamel uzu minnha);

5) matul ix-xahar ta' Novembru 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura, jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew naqqas klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, billi iffalsifika il-firem ta' Mark Lawrence Rizzo u Mario Coleiro fuq diversi cekkijiet kemm tal-Mid-Med Bank u kif ukoll tal-Bank of Valletta, misruqa;

6) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li

jiksru l-istess disposizzjoni ta-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, hekk kif gja` msemmi fl-akkuza numru hamsa (5);

7) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet ta-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti gja` msemmija fl-akkuza numru hamsa (5);

8) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

9) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet ta-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel falsifikazzjoni u ghamel uzu minn diversi dokumenti u cioe` cekkijiet iffalsifikati;

10) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elf liri Maltin (Lm1000) izda anqas minn hamest elef Liri Maltin (Lm5000), ghad-dannu tal-Bank of Valletta, Mid-Med Bank, Mario Coleiro, Forestal's Ltd. tal-Gzira, E.C.B. Ltd. ta' Tal-Pieta', New Japanese ta' Hal-Qormi, Arcidiacono ta' l-Imsida, Hudson ta' Santa Venera, A & D Borg ta' l-Imsida, Tekno tal-Mosta, Audio Vision tal-Hamrun, Audio Panasonic tar-Rahal Gdid u Cutajar Ltd. ta' tas-Sliema;

11) matul ix-xahar ta’ Novembru, 1999, b’diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bi hsara ta’ haddiehor u cioe` tas-socjetajiet u persuni msemmija fl-akkuza numru disgha (9), ghamel xi qliegh iehor b’qerq;

12) matul ix-xahar ta’ Novembru 1999, b’qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ kontra s-sewwa tigi akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

13) nhar is-Sibt u cioe` t-13 ta’ Novembru 1999, xi hin bejn it-8.00 a.m. u d-9.00 a.m., gewwa l-Qawra, u kif ukoll qabel f’diversi postijiet f’Malta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond, arma tan-nar jew munizzjon, jew kellu f’idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon izda mhux f’fond jew f’post li jaghmel mieghu;

14) hekk kif inhu indikat fl-akkuza precedenti u cioe` n-numru 12, giet fil-pussess tieghu arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b’licenzja, u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;

15) hekk kif hemm indikati fl-akkuzi (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (13), u (14), talli kien komplici fid-delitti ta’ serq aggravat b’arma tan-nar, ricettazzjoni, sekwestru ta’ persuna kontra l-volonta` tieghu, falsifikazzjoni f’dokumenti u uzu kontinwat taghhom, frodi u pussess ta’ arma tan-nar;
*… omissis ….*
Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma' l-imsemmi John Farrugia talli huwa recidiv b'sentenza definittiva tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn fis-26 ta' April 1995 kien instab hati fuq serq u kkundannat Lm300 u kif ukoll illiberat milli jaghmel reat iehor fi zmien sentejn u nofs skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sentejn u nofs;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Farrugia pprezentat fid-29 ta’ Settembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda r-reita` izda thassarha ghal dik li tirrigwarda piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Frar 2006 li permezz tieghu giet milqugha t-talba tad-difiza sabiex isir aggornament tal-*pre-sentencing inquiry report* li kien thejja minn Trevor Calafato;

Rat ir-rapport aggornat ipprezentat mis-*Senior Probation Officer* Mariella Camilleri fit-30 ta' Marzu 2006;

Rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-sens li taqbel mar-rakkommandazzjonijiet kontenuti fir-rapport tal-*Probation Officer* u d-dikjarazzjoni tad-difiza li kemm-il darba l-Qorti tiddeciedi li tapplika xi provvedimenti tal-Kap. 446 l-appellant jaccetta tali kondizzjonijiet li hemm ukoll suggeriti fir-rapport imsemmi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda biss il-piena. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li c-cirkostanzi kollha tal-kaz jindikaw li jista' jkun hemm temperament fil-piena. Jghid li hu ma kienx il-mohh wara l-atti inkriminanti izda kien biss komplici fil-kontribut tieghu. Jammetti li dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tieghu "mil-lat tekniku, izda huwa pjuttost mil-lat morali li dan il-fatt jista' jkollu influwenza fuq is-sanzjoni." Jirreferi ghall-fatt li fl-istqarrija tieghu kien

stqarr li kien kemmxejn mahkum mill-ko-imputat Aquilina, u li ghalkemm dan il-fatt ma giex abbraccat mill-Ewwel Qorti bhala xi forma ta' difiza, isostni li jista' potenzjalment jincidi fuq is-sanzjoni ahharija. Skond l-appellant, il-personalita` dghajfa tieghu tidher mill-fatt li ma hax wisq mir-refurtiva jew mir-rikavat ta' l-atti illegali u l-unika haga li kellu fil-pussess tieghu (stereo) gie ritornat lis-sid. L-appellant ikompli jghid li llum huwa rijabilitat kompletament mill-hajja laxka li seta' kien qieghed jghix u ghandu mpjieg fiss mal-RMF.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

M'hemm l-ebda dubju li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti taqa' sew fil-parametri tal-ligi, anzi tavvicina l-*minimum*. Mis-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti qieset dak kollu li kien hemm x'jitqies fid-dawl anke tal-*pre-sentencing investigation report* imhejji mill-ufficjal tal-probation Trevor Calafato. Hija sahansitra ddifferenzjat bejn il-*mens criminis* ezistenti fl-appellant u l-ko-imputat Aquilina fil-mument tal-kommissjoni tar-reati. Konsegwentement infliggiet piena aktar gravuza fuq l-imsemmi Aquilina milli fuq l-appellant.

F'dan l-istadju pero` sar aggornament tal-*pre-sentencing report* imsemmi. Dan sar mis-*Senior Probation Officer* Mariella Camilleri. Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-appellant baqa' juri progress u stabbilita` fil-hajja tieghu u li m'ghandux kazijiet ohra pendenti. Ghalhekk fir-rapport gie rakkommandat hekk:

"Filwaqt li wiehed ma jistax ma jikkunsidrax in-natura serja tar-reat kommess, qed jigi rakkommandat li wiehed jikkunsidra wkoll il-progress konsiderevoli li huwa ghamel

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

li gie kkonsolidat ukoll f'dawn l-ahhar xhur anke permezz ta' mpjieg stabbli. Ghalhekk qed nissuggerixxi li jigu kkunsidrati s-sentenzi bbazati fil-komunita`, fosthom l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` skond l-artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Qed jigi ssuggerit li dan ix-xoghol fil-komunita` jsir skond l-arrangamenti mhejjija mill-Ufficju tal-Probation u approvati minn din l-Onorabbli Qorti."

Huwa minnu li r-reati addebitati lill-appellant huma reati serji li f'cirkostanzi normali jisthoqqilhom piena ta' prigunerija, izda wara li din il-Qorti qieset mill-gdid ic-cirkostanzi kollha tal-partecipazzjoni ta' l-appellant fl-imsemmijin reati u wara li semghet, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2006, il-prosekuzzjoni stess tiddikjara li taqbel mar-rakkomandazzjonijiet kontenuti fir-rapport imsemmi, u wara li d-difiza ddikjarat li l-appellant kien lest jaccetta dak li gie suggerit, din il-Qorti hija tal-fehma li, b'mod eccezzjonali, ghandha tilqa' tali rakkomandazzjonijiet. Ordni ta' servizz fil-komunita` skond l-artikolu 11 tal-Kap. 446 effettivament ghandu bosta vantaggi, fosthom li jkun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-*probation* filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu u jitghallem japprezza li hadd ma jista' jikser il-ligi b'impunita`.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda l-appellant John Farrugia u, filwaqt li tikkonfermaha kwantu ghall-htija, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs u minflok, a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 446 qieghdha tqieghed lill-appellant taht ordni ta' servizz fil-komunita` bil-kundizzjoni li matul il-perijodu ta' sena millum jaghmel xoghol bla hlas ghall-massimu permissibbli mill-imsemmi artikolu ta' mitejn u erbghin siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa. Din l-ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant

bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reati originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------